MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 234/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Kevin Farrugia)**
**Vs**
**Joseph Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli nhar id-19 ta’ Novembru, 2008, u nhar it-13 ta’ Dicembru, 2008, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi maghmula b’rizoluzzjoni wahda, minn gewwa “Scan Computers Centre” ta’ Triq Geranimo Abos, fl-Iklin, u f’dawn il-Gzejjer Maltin,

1. ikkommetta serq ta’ disgha (9) Sony P.S.P. (Play Station Portable) ghad-dannu ta’ Mario Scerri w/jew ghal PC Options Ltd u/jew terzi persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-€232.94 (€1889.55) u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. sar recidiv b’sentenza/i tal-Qorti liema sentenza/i saret/saru definittivi w ma tistax/jistghux tig/jigu mibdula.

Rat il-provediment tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta’ Malta ordnat li l-appellant ghandu jiskonta perjodu ta’ disa’ (9) xhur prigunerija

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta’ Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija izda tiddikjara li ma kienx kisser l-Ordni ta’ Probation u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa w gusta.
Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi s-sentenza ta’ prigunerija mhix gusta w ekwa. L-appellant jirrileva illi kien iddispjacieh li ma marx ghall-laqghat mal-Probation Officer u kien biss frott ta’ traskuragni minn naha tieghu. L-appellant ihoss li s-sentenza ta’ prigunerija ta’ disa’ xhur mhix ekwa mar-reat li kien iwettaq.

Ikkunsidrat :

B’sentenza moghtija fit-23 ta’ Jannar, 2009 mill-Qorti tal-Magistrati l-appellant Joseph Attard kien instab hati ta’ diversi reati u dakinhar il-Qorti kienet imponiet ordni ta’ probation ghal tlett snin b’kondizzjoni pero’ illi l-imputat isegwi programm ta’ riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Jidher pero` illi din l-ordni waqghet fuq widnejn torox il-ghaliex l-appellant ma segwix dan il-programm ta’ riabilitazzjoni, ma kkoperax mal-probation officer sakemm spicca biex jigi denunzjat quddiem il-Qorti tal-Magistrati talli kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu b’dik l-ordni tal-probation.

Il-Qorti tal-Magistrati wara li semghet il-provi bi provediment tal-24 ta’ Gunju 2009 iddikjarat illi l-appellant ma kkonformax ruhu mal-ordni ta’ probation u ordnat illi kellu jiskonta perjodu ta’ disa` xhur prigunerija.

L-aggravju tal-appellant huwa illi din is-sentenza mhihix gusta u ekwa. Iddispacih illi ma zammx l-appuntamenti mal-probation officer imma dana kien biss frott ta’ traskuragni minn naha tieghu.

Quddiem din il-Qorti xehdet Victoria Scicluna, l-probation officer, fejn infurmat lil Qorti li l-appellant kien dipendenti hafna fuq id-droga. Originarjament kien anki bandist mal-orkestra Nazzjonali izda imhabba l-uzu tad-droga tilef kollox. Jidher illi kien hemm zmien fejn kien determinat illi johrog minn din il-problema u anki beda jikkoopera mat-team tas-Sedqa dwar ir-riabilitazzjoni tieghu.

Fit-28 ta’ Ottubru 2010 l-appellant dahal Mount Carmel b’dipressjoni severa. Ma kienx qed jiehu droga izda kellu problemi medici serji.

Illum l-appellant jargumenta illi huwa ma kkooperax mhux imhabba xi att volut izda peress illi kellu problemi medici serji. Jekk imur il-habs mhux se sservi ghal xejn u hadd mhu se jibbenefika minnha. Ikun opportun illi jekk illum l-appellant qieghed juri xi progress dana ghandu jkompli jurih barra l-habs u mhux gewwa.

Ikkunsidrat :

Filwaqt illi l-Qorti tawgura illi l-appellant qieghed fuq it-triq tal-fejqan xorta ma tistax tinjora l-fatt illi huwa gie moghti opportunita` illi warrab, anzi, dahal iktar profond fil-problema li kellu.

L-Ewwel Qorti ma kellhix triq ohra. Perjodu fil-habs kien tassattiv minhabba r-recidiva u ma setghetx taghmel mod iehor.

Din il-Qorti ukoll thoss illi ghandha idejha marbuta u ma tistax issa, wara li ordni tal-Qorti gie injorat b’dan il-mod,

tittraskura din is-sitwazzjoni u terga` timponi xi perjodu ta’ probation fuq l-appellant.  Dana ma jistax isir.

Jekk l-appellant qieghed jiehu xi kura dina tista` titkompla tinghatalu l-habs taht sorveljanza professjonali, u jekk verament ghandu dik ir-rieda illi d-difiza esprimiet fl-Awla tal-Qorti allura dan il-perjodu ta’ habs effettiv m’ghandux jaghmel differenza lill-appellant, anzi ghandu jiehu dik l-opportunita` u jikkoopera bis-shih mal-ufficjali addebiti huwa jkompli f’din it-triq u meta johrog mill-habs jista` jghid li ma jkunx aktar dipendenti mid-droga.

Ghalhekk din il-Qorti thoss illi m’ghandhix tiddistura d-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti meta tat dik id-decizjoni fl-24 ta’ Gunju 2009, liema decizjoni kienet fic-cirkostanzi legalment u ragjonevolment korretta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------